Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 1644/1997/1

**Mary Grace u Mark Farrugia**

**Vs**

**Stephen u Leanne Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu s-somma ta' seba' mija disa' u sittin lira Maltija (Lm769) rapprezentantanti spejjez li l-atturi hallsu sabiex jigu effetwati riparazzjonijiet ta' natura straordinarja fil-fond numru wiehed (1), Triq Ross, San Giljan u minnhom detenut bhala inkwilini, liema xogholijiet il-konvenuti bhala s-sidien ta' l-istess kienu obbligati bil-ligi li jaghmlu izda naqsu li jaghmlu minkejja li gew debitament interpellati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta-ittra legali ta' l-4 ta' Lulju, 1997 u dik ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' April, 1997 u bl-imghaxijiet

legali mid-data tal-fuq imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 4 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma mertu ta' kawza ohra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et vs Stephen Farrugia et** (Cit. Nru. 1625/95GC) u ghalhekk qed titqajjem l-eccezzjoni ta' "lis alibi pendens";
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzoni ghas-suespost it-talba hija insostenibbli billi l-atturi naqsu li jsegwu d-dettami tal-ligi.
3. Illi subordinatament minghajr pregudizzju ghas-suesposti eccezzjonijiet preliminari il-hsarat li minnhom qed jilmentaw l-atturi, kienu responsabbli ghalihom huma u gew ikkawzati lill-fond meta dan kien fil-pussess taghhom, u huma rizultat tan-nuqqas ta' manutenzjoni, traskuragni, negligenza u abbandun tal-istess fond da parti tal-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenuti u li hi bazata fuq l-artikolu 792 u 794 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hu minnu li l-konvenut esebew kopja tac-citazzjoni relattivament ghall-kaz fl-istess ismijiet izda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (ara c-citazzjoni numru 1625/94 JSP ossija CC a fol 10 tal-atti esebita bhala kopja).

Pero kif jidher minn <u>nota</u> tal-istess atturi (fol 18 ibid), dawn kienu ddikjaraw illi din il-kawza kienet marret <u>dezerta</u> fl-1 ta'Awissu 1997. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja, dak dikjarat fl-istess nota qed jittiehed bhala fatt

u mhux ser tittiehed konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti ma ressqu ebda prova in rigward l-eccezzjonijiet l–ohra (ara ukoll dak verbalizzat a fol 32 ibid).

Illi da parti tal-atturi, tressqu provi kif jidher minn nota u dokumenti annessi, presentati kollha kemm huma fl-20 ta' Marzu 2001. Dawn il-provi huma kif ser jinghad:-

a) "Affidavit" tal-attur Mark Farrugia. Dan spjega illi hu u omm l-attrici kienu l-inkwilini tal-post in kwistjoni, li kien gie akkwistat mill-konvenut fl-1989 liema konvenut jigi, rispettivament, iben u hu l-istess atturi. Fl-istess 'affidavit", hawn deskrizzjoni tal-hsarat li, kien hemm fil-post involut b'mod specjali fl-art li kellha hsarat strutturali. Peress illi l-konvenut kien irrifjuta li jaghmel ir-riparazzjoni fl-art, li tigi ukoll is-saqaf tal-kantina sottostanti, kienet infethet kawza kriminali (ara l-anness Dok A) li giet deciza fl-1 ta' Settembru 1994. Jidher li l-attur kien siefer u meta gie lura, ma' setax jidhol fil-post mikri lilu u lill-ommu peress "… li ma kienx hemm art" u kien sar jaf ili "… l-haddiema waqqghu s-saqaf (tal-istess kantina) u telqu lil hemm". Minhabba hekk, kienet intbaghtet ittra legali lill-konvenut bid-data tas-7 ta' Novembru 1994 (l-anness "Dok B") oltre li saret kwerela kriminali fil-konfront tal-istess konvenut kif risultanti mill-anness "Dok C" kif ukoll ittra ufficjali annessa ukoll bhala 'Dok F'. Jidher li dan kollu kien ghal xejn u ghalhekk fit-21 ta' Gunju 1996 l-atturi bdew ix-xogholijiet sabiex tinbena l-art mill-gdid fil-post in kwistjoni. In rigward dawn ix-xogholijiet il-konvenuti jaghmlu tentattivi sabiex dawn jitwaqqfu permezz ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi liema talba giet michuda (ara l-anness "Dok G"). Dwar l-ispejjes inkorsi, l-atturi esebew l-ircevuti tal-ispejjes inkorsi minnhom (ara l-annessi "Dok H u I" kif ukoll ir-ritratti bil-kulur markati minn "Dok J sa Dok N" kif ukoll l-'affidavits' ta' Stephen Aquilina u Carmel Calleja).

Ikkunsidrat

Illi jidher mic-cirkostanzi tal-kaz illi l-atturi mxew skond il-ligi. Difatti wara li saru l-interpellazzjonijiet anke permezz ta' ittra ufficjali kif ukoll proceduri kriminali "ad hoc" minhabba il-perikolozita tal-istruttura kif risultanti mill-provi, jidher li l-konvenuti kienu waqqghu l-art tal-post in kwistjoni, liema art kienet is-saqaf ta' kantina sottostanti, formanti parti mill-istess post, l-atturi kienu kostretti minhabba dan id-dewmien u l-agir da parti tal-konvenuti li jeffettwaw ix-xogholijiet huma stess, b'mod urgenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu applikabbli, lill-principju fis-sustanza f'dan il-kaz, l-artikolu 1543 tal-Kodici Civili u a bazi ta' dan jidher gustifikat dak li ghamlu l-atturi sabiex jkunu jistghu jergghu jabitaw fil-post in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ispejjes inkorsi mill-atturi ghal dan il-ghan, jkun sufficjenti li ssir referenzi ghad-dokumenti annessi u markati "Dok H sa Dok I", minn fejn jidher li dak mitlub hu pjenament gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, waqt li tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eccezzjoni u tichad l-eccezzjonijiet nimanenti, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm769 ossija €1791.29 bl-imghax legali mit-2 ta' April 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Lulju 1997 u ta' dik ufficjali tat-2 ta' April 1997.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------